



PARLAMENT EWROPEW

2014 - 2019

Kumitat għall-Kultura u l-Edukazzjoni

2015/2053(INI)

18.6.2015

OPINJONI

tal-Kumitat għall-Kultura u l-Edukazzjoni

għall-Kumitat għall-Affarijiet Legali

dwar l-estensjoni possibbli tal-indikazzjoni ġeografika protetta tal-Unjoni
Ewropea għall-prodotti mhux agrikoli
(2015/2053(INI))

Rapporteur għal opinjoni: Mircea Diaconu

PA_NonLeg

SUĠĠERIMENTI

Il-Kumitat għall-Kultura u l-Edukazzjoni jistieden lill-Kumitat għall-Affarijiet Legali, bħala l-kumitat responsabbli, biex jinkorpora s-suġġerimenti li ġejjin fil-mozzjoni għal rizzoluzzjoni tiegħu:

1. Jilqa' d-diskussjonijiet attwali dwar l-estensjoni possibbli tal-protezzjoni tal-Indikazzjoni Ġeografika tal-Unjoni Ewropea għall-prodotti mhux agrikoli; iqis li l-UE hija partikolarment mogħnija bi prodotti awtentiċi bħal dawn, li huma bbażati fuq għarfien lokali u metodi ta' produzzjoni tradizzjonali lokali u reġjonali u spiss b'għeruq fl-wirt kulturali, soċjali u storiku ta' żona ġeografika speċifika; ifakkar li l-preservazzjoni ta' dawn il-metodi hija bbażata fuq trasferiment kontinwu ta' għarfien minn ġenerazzjoni għal oħra, u li l-Indikazzjonijiet Ġeografiċi jixhdu ir-rabta bejn l-attività tal-bniedem, il-kultura, l-art u r-riżorsi;
2. Ifakkar li l-prodotti mhux agrikoli huma parti integrali mill-identità tagħna u huma element importanti tal-wirt kulturali tal-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea; jenfasizza li waħda mill-isfidi ewlenin li qed iħabbat wiċċu magħhom dan is-settur hija l-għajbien gradwali tal-ħiliet u s-snajja' tradizzjonali, u li protezzjoni tal-IĠ ta' prodotti mhux agrikoli tista' taħdem bħala inċentiv biex tippreserva dan il-wirt kulturali u l-ħiliet esperti tradizzjonali, kif ukoll sabiex tiggarrantixxi r-remunerazzjoni ġusta għall-produtturi u l-oriġinalità u l-aktar disponibbiltà wiesgħa possibbli ta' dawn il-prodotti;
3. Jenfasizza l-fatt li l-eżistenza ta' għadd kbir ta' prodotti mhux agrikoli fl-Ewropa, ibbażata fuq il-ħiliet tradizzjonali u artiġjanali, tirrappreżenta parti integrali mill-kultura reġjonali u lokali u tistimula l-iżvilupp tat-turiżmu kulturali;
4. Iqis li protezzjoni uniformi ta' Indikazzjoni Ġeografika għal prodotti mhux agrikoli għandha tistimula l-iżvilupp teknoloġiku u ekonomiku fil-livell reġjonali u lokali billi żżid l-għadd ta' persuni impjegati fil-produzzjoni ta' prodotti tradizzjonali;
5. Ifakkar li, attwalment, m'hemmx protezzjoni uniformi tal-IĠ għall-prodotti mhux agrikoli fil-livell tal-UE, iżda jeżistu għadd ta' oqfsa ġuridiċi li jiżguraw protezzjoni nazzjonali jew reġjonali biss; jissottolinja, f'dan il-kuntest, il-fatt li d-diskrepanzi bejn l-oqfsa ġuridiċi attwali jistgħu jirriżultaw f'qerq fil-konfront tal-konsumaturi, falsifikazzjoni u kompetizzjoni inġusta; iqis li sistema tal-UE uniformi għar-reġistrazzjoni, il-protezzjoni, il-monitoraġġ u l-infurzar, li għandha l-għan li żżid l-għarfien dwar il-valur ta' dawn il-prodotti fost il-konsumaturi u l-produtturi u tiggarrantixxi l-preservazzjoni tal-artiġjanat u l-ħiliet tradizzjonali, għandha tkun ibbażata fuq valutazzjoni tal-impatt, u li sistema bħal din għandha tkun tista' tinforma aħjar lill-konsumaturi dwar l-awtentiċità tal-prodotti u tippoteġi lis-sidien leġittimi ta' prodott reġistrat u tiggarrantixxi l-kwalità u l-karatteristiċi distintivi tal-prodott; jemma, barra minn hekk, li r-reġistrazzjoni ta' tali prodotti min-naħa tal-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern għandha tirriżulta f'Indikazzjonijiet Ġeografiċi aktar uniformi u protetti aħjar;
6. Jissottolinja li protezzjoni tal-IĠ uniformi tikkontribwixxi mhux biss għall-promozzjoni ta' prodotti tradizzjonali, iżda wkoll għarr-rikonoxximent tal-kwalità tal-materja prima li tintuża f'dan il-prodotti u l-ħtieġa tal-eċċellenza fl-istadji kollha tal-proċess ta'

produzzjoni;

7. Huwa tal-fehma li l-estensjoni tal-kamp ta' applikazzjoni tas-sistema ta' protezzjoni tal-IĠ biex tkopri prodotti mhux agrikoli tista' tgħin biex il-pożizzjoni tal-UE fir-rigward tal-Indikazzjonijiet Ġeografiċi tissaħħa u ssir aktar koerenti, kemm f'negozjati kummerċjali bilaterali kif ukoll fil-fora multilaterali, bil-għan aħħari li tipprovdi livell għoli ta' protezzjoni għal kull prodott Ewropew ta' kwalità għolja barra mill-UE;
8. Jisħaq fuq il-potenzjal ekonomiku, kulturali u soċjali tas-sistema tal-IĠ f'dak li jikkonċerna l-promozzjoni tat-turiżmu u l-ħolqien ta' impjiegi, speċjalment f'żoni rurali jew anqas żviluppatti, u f'dak li hu appoġġ għall-SMEs u l-produtturi individwali, li huma ċentrali għall-proċess ta' produzzjoni ta' artefatti u oġġetti tradizzjonali oħra, filwaqt li jappella lill-Kummissjoni biex twettaq valutazzjoni tal-impatt ekonomiku bir-reqqa bil-għan li jiġi żgurat li l-effett ta' kwalunkwe sistema ġdida proposta fuq il-produtturi, il-kompetituri tagħhom, il-konsumaturi u l-Istati Membri jiġi kkunsidrat bis-sħiħ;
9. Jirrimarka li l-Indikazzjonijiet Ġeografiċi jipprovdu garanzija tal-kwalità tal-prodott għall-konsumaturi, kif ukoll rikonoxximent tal-ħiliet esperti u mezz ta' protezzjoni għall-produtturi;
10. Iqis li sistema uniformi tal-UE tista' żżid l-element ta' attrazzjoni tal-professjonijiet marbutin mal-wirt;
11. Jappella biex prodotti bħal dawn isiru l-punt fokali tal-proġetti tal-iżvilupp, ir-riċerka u l-innovazzjoni reġjonali u tal-Orizzont 2020 u l-finanzjament ta' koeżjoni;
12. Jisħaq li l-preservazzjoni tal-ħiliet esperti u l-produzzjoni tradizzjonali jistgħu jgħinu biex jintemmu d-depopolazzjoni u l-qerda ta' żoni rurali u l-fluss ta' zghażaġh li qed jitolqu minn dawk iż-żoni;
13. Jisħaq li għandu jiġi żgurat li l-marka kummerċjali u l-logo tal-indikatur tal-IĠ jirriflettu l-identità reġjonali/lokali tal-prodotti;
14. Jenfasizza l-importanza ta' komponenti kulturali, edukattivi, soċjali u sostenibbli ta' prodotti mhux agrikoli li se jiġu inklużi f'dan il-proċess, u jisħaq fuq il-ħtieġa li jitħarsu, jiġu mgħoddija u żviluppatti l-ħiliet esperti tradizzjonali u l-ħiliet assoċjati miegħu u li titrawwem kooperazzjoni aktar mill-qrib mal-industriji kreattivi, mhux l-inqas bil-għan li tiġi enfasizzata l-kwalità tal-materjali użati jew tal-prodotti finali; jitlob li l-użu tal-isem jew tal-logo jkun aċċessibbli għall-produtturi kollha miż-żona partikolari li timmanifattura l-prodott bil-mod preskritt;
15. Jirrikonoxxi r-rwol kruċjali tal-SMEs li jinvestu f'ħiliet esperti tradizzjonali ta' kwalità għolja u joffru impjiegi lokali u apprendistati għat-taħriġ ta' professjonisti kwalifikati li jaqdu rwol ewlieni fit-trażmissjoni tal-metodi ta' produzzjoni tradizzjonali minn ġenerazzjoni għal oħra; jirrikonoxxi l-importanza tal-investment fl-edukazzjoni u t-taħriġ f'dan il-qasam, u jħeġġeġ lill-Istati Membri biex jagħmlu l-aħjar użu mill-fondi disponibbli tal-UE u l-programmi ta' appoġġ tal-UE għat-taħriġ vokazzjonali ta' speċjalisti involuti fil-produzzjoni u l-promozzjoni ta' prodotti artiġjanali u industrijali lokali u reġjonali li jirrispettaw l-ambjent;

16. Iħeġġeġ lill-Istati Membri biex jagħmlu skambju tal-aħjar prattiki fil-ħolqien u l-appoġġ ta' inizjattivi mmirati b'mod li jstimulaw is-settur artiġjanali tradizzjonali, li min-naħa tagħhom jistgħu jagħmlu lin-nies aktar konxji mill-wirt kulturali lokali u jstimulaw l-iżvilupp taż-żoni rurali;
17. Jenfasizza l-fatt li IĠ magħrufa sew tista' tgħin biex jiġu promossi aħjar l-itinerarji kulturali Ewropej;
18. Iqis li l-innovazzjoni teknoloġika u tipi oħra ta' innovazzjoni għall-prodotti protetti minn IĠ għandhom jibqgħu possibbli, dment li l-kwalità u l-awtentiċità tal-prodotti finali ma jiġux affettwati;
19. Jenfasizza l-importanza li jinħoloq qafas ġuridiku futur li jggarantixxi li r-rabta maż-żona ġeografika oriġinali tibqa' prijorità, bil-għan li tiżdied il-kredibilità u l-awtentiċità tal-prodotti, u li barra minn hekk jispeċifika b'mod ċar il-kundizzjonijiet li fl-ambitu tagħhom tista' tintuża d-denominazzjoni barra l-ispazju ta' referenza, b'tali mod li titħares l-awtentiċità tat-tikketta; jenfasizza wkoll li tali sistema għandha tkopri ismijiet mhux ġeografiċi li jkunu assoċjati, mingħajr ebda ambigwiżità, ma' post partikolari;
20. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jippromwovu l-kooperazzjoni transreġjonali u transnazzjonali u l-ġbir u kondiwiżjoni tal-aħjar prattika bejn il-gruppi ta' prodotti mhux agrikoli u setturi relatati;
21. Jistieden lir-regolatur iqis l-Indikazzjonijiet Ġeografiċi li diġà jeżistu fl-Istati Membri bil-għan li tiġi evitata burokrazija żejda għar-reġistrazzjoni tagħhom fil-livell Ewropew, u jiżgura li l-ħolqien ta' livell uniku ta' protezzjoni tal-UE għal Indikazzjonijiet Ġeografiċi mhux agrikoli ma jbaxxix l-istandards ta' ħarsien li joffru, jew jieħdu post, sistemi eżistenti, bħall-marki kummerċjali, f'xi Stati Membri, u jippermetti lis-sistemi nazzjonali tal-protezzjoni tal-IĠ jibqgħu jikkoeżistu flimkien ma' sistema tal-UE uniformi; jistieden lir-regolatur jipproponi l-aktar mekkaniżmu effiċjenti, sempliċi, utli u aċċessibbli għar-reġistrazzjoni tal-prodotti, u jiżgura li s-sistema tippovdi reġistrazzjoni, modifikazzjoni u proċeduri ta' kanċellazzjoni finanzjarjament aċċessibbli, ċari u trasparenti, filwaqt li jipprovdu garanziji legali għall-partijiet ikkonċernati; jistieden lill-Kummissjoni twettaq valutazzjoni bir-reqqa bil-għan li jitnaqqas kemm jista' jkun ix-xogħol finanzjarju u amministrattiv għall-partijiet ikkonċernati;

RIŻULTAT TAL-VOTAZZJONI FINALI FIL-KUMITAT

| | |
|---|--|
| Data tal-adozzjoni | 16.6.2015 |
| Riżultat tal-votazzjoni finali | +: 23 -: 0 0: 0 |
| Membri preżenti għall-votazzjoni finali | Dominique Bilde, Andrea Bocskor, Silvia Costa, Mircea Diaconu, Damian Drăghici, Jill Evans, Petra Kammerevert, Rikke Karlsson, Andrew Lewer, Svetoslav Hristov Malinov, Curzio Maltese, Fernando Maura Barandiarán, Luigi Morgano, Momchil Nekov, Michaela Šojdrová, Yana Toom, Helga Trüpel, Sabine Verheyen, Julie Ward, Bogdan Andrzej Zdrojewski, Milan Zver, Krystyna Łybacka |
| Sostituti preżenti għall-votazzjoni finali | Norbert Erdős, Mary Honeyball, Marc Joulaud |